Dejjem jobduk qlub bħal Dubċek li juri
kemm huma rari fuq l-art nies setgħana,
huma wkoll vittmi ta' setgħa w unuri,
għad illi dejjem mill-gwerer beżgħana.

Inti wkoll tagħżel il-liġi li tħares,
bħal m'inti mqanqal mill-'jien' li jkun falla:
aħna wlied ħielsa lebsin ta' qaddejja,
meta nintrabtu mal-liġi ta' Alla.

*(Maqluba mit-Taljan tiegħi stess tal-25 ta' Awissu, 1969).*

---

# L-UĊUH KOLLHA

**OLIVER FRIGGIERI**

Met'għad jitkellmu f'daqqa l-uċuh kollha
li hemm ġo moħħi, qabar ġdid li jesa',
ikun l-aħħar tad-dinja, u jien nitfarrak
kif waqa' l-oghla bini fl-aħħar gwerra.
Met'għad jitkellmu tisma' geġwiġija
t'orkestra bla surmast u repertorju,
u tħoss l-art taħtek terrimot jitriegħed
għaliex saqajhom dejjem isabbtuhom
u ma jafux jipprotestaw mod ieħor.

Met'għad jitkellmu tersaqx iżjed lejja
għaliex kull wieħed jonfoħ ġewwa fija
bil-qawwa ta' l-orakli meta jidgħu.
Imbagħad tkun tista' tara l-pjan t'elf storja,
imbagħad tkun tista' tmiss il-kranju mxaqqaq,
u mbagħad tkun tista' tkanta l-għanja tiegħek,
met'għad jitkellmu.

27/10/73

# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

*(L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)*

**G. ZARB ADAMI**

KOTBA miktubin bl-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, illum Akkademja tal-Malti, mit-twaqqif tal-Għaqda sal-1940.

| ISEM TA' L-AWTUR | SENA | ISEM IL-KTIEB | STAMPERIJA |
|---|---|---|---|
| Agius Marju | 1934 | Is-S.S. Salvatur f'Malta | S. Ġużepp |
| Agius Salvu | 1936 | L-Imgħallem tal-Koki (trad.) Storja ta' Malta Prof. Dr. G.A. Vassallo | Giov. Muscat |
| ,, | 1940 | L-Ewwel Safra Tiegħi | ,, |
| Akkademja tal-Malti | 1924 | Tagħrif fuq il-Kitba Maltija | Stamp. tal-Gvern |
| ,, | 1925 | Il-MALTI (kull tliet xhur) | Empire |
| Aquilina Prof. Ġ. | 1938 | Taħt Tliet Saltniet | Empire |
| | | Ġabra ta' Kitba Maltija | Empire |
| Aquilina Prof. Ġ. | 1936 | Ward ta' Qari Malti I. | Empire |
| ,, | 1937 | Ward ta' Qari Malti II. | Empire |
| Saydon Prof. P.P. | 1940 | Ward ta' Qari Malti III. | Lux |
| Bonnici Dr. Ġ. | 1927 | Imħabba u Mibegħda | Empire |
| B.Sc. B.D. | 1932 | It-trobbija tat-Tfal | Lux |
| ,, | 1938 | Il-Qawwa ta' l-Imħabba Ġabra ta' Kitba Maltija | A.C. Aquilina & Co. |
| ,, | 1939 | Il-Ġmiel ta' Ġisimna | Progress |
| ,, | 1939 | Ħelsien Ġabra ta' Kitba Maltija | Excelsior |
| Born Patri W., O.P. | 1940 | Is-Salib tal-Fidda Ġabra ta' Kitba Maltija | Excelsior |
| Born Patri W., O.P. & Fsadni Patri B., O.P. | 1935 | Thomas More | Lux |